# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sebgħa (7) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Tnejn 21 ta' Marzu, 2011, fl-4.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| | Francis Callus | Kunsillier- Skuzat |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-sur Saviour Spiteri, li se jagħmel serata mużikali bil-brass band waqt l-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi, qal li se joffri s-servizzi tiegħu b'xejn għas-serata ta nhar il-Ġimgħa 6 t'April, imma ili kiku jkolna nħallsu biex jerġa jiġi s-Sibt għax ikollu jġib miegħu nies oħrajn. Qal ukoll ili l-mużika se tkun adattata għall-attivita li se nkollna dik il-ġurnata, fejn se nkolna kompetizzjoni tal-inbid.

3. Il-Kunsilliera ħadu pjaċir bl-idejat tas-sur Spiteri u fil-4.45pm intemmet id-diskussjoni miegħu dwar l-attivita li se jieħu ħsieb hu.

4. Ezatt wara, fil-4.45 daħħal is-sur Cedric Valletta biex jidiskuti l-kwistjoni tal-indaf ġor-raħal. Is-sur Valletta qal li dejjem jagħti n-nies tiegħu l-instruzzjonijiet li ntuħ aħna meta s-Sindku qal li in-nies tiegħu mhux qegħdin jaqtaw il-ħaxix kullimkien. Is-Sindku qal ukoll li hemm ħafna ħmieġ f'kanal ġo triq in-Nassaba. Is-sur Valletta ċempel lil dak li jiknes it-toroq u ħa ħsieb il-kwistjoni, filwaqt li minn issa se ninfurmawħ fuq it-toroq partikulari fejn hemm bżonn iżjed attenzjoni.

5. Eddie Bonello qal li jifhem li ma setgħux ilaħħqu max-xogħol għax kien hemm ħsara fil-magna, imma aħna xorta kellna bżonn li jagħmlu ix-xogħol. Is-sur Valletta aċċetta dan il-punt. Fl-istess ħin qal li dak li qiegħed jaħdem fir-raħal dejjem kien hawn, anka fix-xita, u dejjem għamel xogħol tajjeb. Qal li jekk għandna d-dubji jekk qiegħed jaħdem hawnhekk dejjem nistgħu nċemplu biex nirrapurtaw. Qal ukoll li damu mingħajr magna għaliex il-magna tuża tyres speċjali u li kellhom jistennew biex jaslu dawn it-tyres meta kellhom il-ħsara.

6. Publius Abdilla qal li n-nies ġew igergru minħabba l-ħaxix filwaqt li s-sur Valletta qal li ma jafx għala hemm daqshekk ħaxix. F'dak il-ħin ċempel lil dak li jaħdem fit-toroq u qalu li għandu jaqta l-ħaxix kollu li jara fit-triq.

7. Is-Sindku w l-kunsilliera xtaqu jesprimu s-sodisfazzjoni fuq ix-xogħol ġenerali li qegħdin jagħmlu s-sur Valletta u n-nies tiegħu imma għandu jellimina l-problema tal-ħaxix. Is-sur Bonello qal li għandhom jidħlu wkoll fil-playing fields biex ineħħu l-ħġieġ perikuluż li jkun hemm ma l-art. Is-sur Valletta qal li issa li ġiet lura l-magna mhux se jkollhom iżjed diffikulitajiet biex jagħmlu xogħolhom u se jieħu ħsieb kollox. Ma dan intemmet id-diskussjoni meta kulħadd kien kuntent bis-sitwazzjoni.

8. Fil-5pm daħħal is-sur Karmenu Busuttil li se juri DVD dwar "il-qieja tal-qamħ fl-imgħoddi" waqt l-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi.

9. Is-Sur Busuttil qal li l-film idum madwar 45 minuti.

10. Il-Kunsill se jkollu jirranġa biex ikollna projector għal film. Il-kunsilliera iringrazzjaw lis-sur Busuttil għal offerta tiegħu u fil-5.10pm imtemmet id-diskussjoni dwar din l-attivita li se nkollna nhar il-Ġimgħa 8 t'April.

11. Il-kunsilliera qalu lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv ili din il-ġimgħa għandna nibagħtu l-applikazzjonijiet għal Onur Onorifiċjenza 2011 u li n-nies għandhom sat-Tnejn 4 t'April 2011 biex jibgħatu l-applikazzjonijiet.

12. Sal-Ħamis 7 t'April hemm bzonn li l-kumitat jagħzel ir-rebbieħ tal-Premju.

13. Id- Deputat SE għandu jibgħat il-handout u program tal-wine tasting sal-aħħar tal-ġimgħa kif ukoll ir-regolamenti għal kompetizzjoni u għal Premju Onorefiċenza. L-applikazzjonijiet għal kompetizzjoni tal-inbid għandhom jidħlu sal-Ġimgħa 8 t'April f'nofs in-nhar.

14. Il-kunsilliera ideċċidew kif se jinqasam l-agenda waqt Jum Ħal Safi. Il-Ġimgħa se jkun hemm il-brass band ta Saviour Spiteri, il-film tas-sur Karmenu Busuttil u premijiet. Is-Sibt jkun hemm serata letterarja ma' VersAgħtini, waqt li xi tfal tal-iskola se jxandru t-talenti tagħhom u wara jkun hemm il-Premju Onorefiċenza. Il-Ħadd ikun hemm quddiesa u wara se jkun hemm il-marċ tal-banda u irċivament ġol Kunsill.

15. Il-kunsilliera qalu lid-Deputat SE Anthony Attard biex jaħseb għal caterers u għal premji.

**Ħwejjeġ oħra**

16. Is-sur Publius Abdilla qal li kien hemm xi tifel li kisser il-ħġieġa tal-fire alarm tal-iskola u għandhom bzonn €35 biex isewwu l-ħġieġa. Dan se jkun imħallas mill-Kunsill.

17. Is-sur Abdilla qal ukoll li għandna naraw meta hu possibli nibdew 'storytelling' ġol-librerija.

18. Is-sur Abdilla qal ukoll li se jorganizza ħarġa kulturali ġo Birgu fid-29 ta' Marzu.

19. Il-laqgħa intemmet fis-7pm.

Approvati llum 19/04/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv